

Il-Ġurnal Uffiċjali

tal-Unjoni Ewropea

L 42



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 56

13 ta' Frar 2013

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

REGOLAMENTI

- ★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 122/2013 tat-12 ta' Frar 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1950/2006 li jistabbilixxi, skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-kodiċi Komunitarju rigward prodotti mediċinali veterinarji, lista ta' sustanzi essenzjali għat-trattament tal-ekwidi ⁽¹⁾** 1

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 123/2013 tat-12 ta' Frar 2013 li jemenda għall-186 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-netwerk ta' Al-Qaida** 18

- Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 124/2013 tat-12 ta' Frar 2013 li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex 20

Prezz: EUR 3

⁽¹⁾ Test b'relevanza għaż-ŻEE

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 122/2013

tat-12 ta' Frar 2013

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1950/2006 li jstabilixxi, skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar il-kodiċi Komunitarju rigward prodotti mediċinali veterinarji, lista ta' sustanzi essenzjali għat-trattament tal-ekwidi

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità rigward il-prodotti mediċinali veterinarji⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 10(3) tagħha,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1950/2006⁽²⁾ stabbilixxa lista ta' sustanzi essenzjali għat-trattament tal-ekwidi li, b'deroga mill-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE, jistgħu jiġu amministrati lil ekwidi maħsuba għall-qatla għall-konsum mill-bniedem soġġett għal perjodu ta' rtirar ta' mhux inqas minn sitt xhur.
- (2) Ir-Regolament (KE) Nru 470/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Mejju 2009 li jstabilixxi l-proċeduri Komunitarji għall-istabbiliment ta' limiti ta' residwi ta' sustanzi farmakoloġikament attivi fl-oġġetti tal-ikel li joriġinaw mill-annimali⁽³⁾ emenda l-Artikolu 10(3) tad-Direttiva 2001/82/KE sabiex tinkludi fil-lista tas-sustanzi msemmija f'dak l-Artikolu sustanzi li jgħibu benefiċċju kliniku miżjud b'paragun ma' għażliet oħra ta' trattament disponibbli għall-ekwidi, minn hawn 'il quddiem imsejħa "sustanzi li jgħibu benefiċċju kliniku miżjud", minbarra sustanzi essenzjali.
- (3) Sustanza għandha tiġi inkluża fil-lista biss bħala "sustanza li għib benefiċċju kliniku miżjud" meta din tipprovi vantaġġ klinikament rilevanti bbażat fuq effikazzja jew sikurezza mtejba jew kontribuzzjoni ewlenija għal trattament. Dan jista' jkun ir-riżultat, *inter alia*, tal-modi diffe-

renti ta' azzjonijiet, profili farmakokinetiċi jew farmakodinamiċi differenti, tulijiet differenti tat-trattament jew rotot differenti ta' amministrazzjoni.

- (4) Is-sustanzi elenkati fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 tat-22 ta' Diċembru 2009 dwar is-sustanzi farmakoloġikament attivi u l-klasifikazzjoni ta' għom fir-rigward tal-limiti massimi ta' residwu fl-oġġetti tal-ikel li għejjin mill-annimali⁽⁴⁾ m'għandhomx jidher fil-lista tas-sustanzi essenzjali u sustanzi li jgħibu benefiċċju kliniku miżjud. Għalhekk, huwa meħtieġ li tiġi emendata l-lista fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1950/2006 biex jitneħħew minn dik il-lista kwalunkwe sustanzi elenkati fir-Regolament (UE) Nru 37/2010.
- (5) Huwa wkoll xieraq li jitneħħew mil-lista fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1950/2006 bosta sustanzi identifikati bħala alternattivi għas-sustanzi elenkati, li mhumiex disponibbli għat-trattament taż-żwiemel għax mhumiex la elenkati bħala "sustanzi essenzjali" jew "sustanzi li jgħibu benefiċċju kliniku miżjud" skont ir-Regolament (KE) Nru 1950/2006 u lanqas huma elenkati fl-Anness għar-Regolament (UE) Nru 37/2010.
- (6) Minħabba bidliet fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni mill-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1950/2006 'l hawn, ir-referenzi f'dak ir-Regolament għal-leġiżlazzjoni rilevanti dwar il-mekkaniżmi ta' kontroll għall-ekwidi u dwar il-limiti massimi ta' residwu għandhom jiġu aġġornati.
- (7) Il-lista emendata stabbilita fl-Anness għal dan ir-Regolament għet suġġetta għal evalwazzjoni xjentifika mwettqa mill-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Veterinarji tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁽⁵⁾.

⁽¹⁾ ĠU L 311, 28.11.2001, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 367, 22.12.2006, p. 33.⁽³⁾ ĠU L 152, 16.6.2009, p. 11.⁽⁴⁾ ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1.⁽⁵⁾ ĠU L 136, 30.4.2004, p. 1.

(8) Ir-Regolament (KE) Nru 1950/2006 għandu jiġi emendat skont dan.

(9) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Mediċinali Veterinarji,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KE) Nru 1950/2006 huwa emendat kif ġej:

(1) It-titolu tar-Regolament (KE) Nru 1950/2006 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1950/2006 tat-13 ta' Diċembru 2006 li jstabbilixxi, skont id-Direttiva 2001/82/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-kodiċi tal-Komunità relatat mal-prodotti mediċinali veterinarji, lista ta' sustanzi essenzjali għall-kura tal-ekwidi u ta' sustanzi li jgħibu benefiċċju kliniku miżjud”.

(2) L-Artikolu 1 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 1

Il-lista ta' sustanzi essenzjali għat-trattament tal-ekwidi, minn issa 'l quddiem “sustanzi essenzjali”, kif ukoll dik ta' “sustanzi li jgħibu benefiċċju kliniku miżjud” b'paragun ma' għażliet oħra ta' trattament disponibbli għall-ekwidi, minn hawn 'il quddiem “sustanzi li jgħibu benefiċċju kliniku miżjud”, applikabbli b'deroga mill-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE, hija stipulata fl-Anness għal dan ir-Regolament.”

(3) Fl-Artikolu 2, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Sustanzi li jgħibu benefiċċju kliniku miżjud jistgħu jintużaw, għal kundizzjonijiet speċifiċi ta' mard, għal ħtiġijiet ta' trattament jew għal skopijiet żootekniċi speċifikati fl-Anness, fejn dawn jipprovdu vantaġġ klinikament rilevanti bbażat fuq effikaċja jew sikurezza mtejba jew kontribuzzjoni kbira għat-trattament mqabbla mal-prodotti mediċinali awtorizzati għall-ekwidi jew imsemmija fl-Artikolu 11 tad-Direttiva 2001/82/KE.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2013.

Għall-finijiet tal-ewwel u t-tieni subparagrafi, l-alternattivi elenkati fl-Anness għandhom jiġu kkunsidrati.”

(4) L-Artikoli 3 u 4 huma sostitwiti b'dan li ġej:

“Artikolu 3

1. Sustanzi essenzjali u sustanzi li jgħibu benefiċċju kliniku miżjud għandhom jintużaw biss skont l-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2001/82/KE.

2. Id-dettalji ta' sustanzi essenzjali għat-trattament għandhom jiġu rreġistrati skont l-istruzzjonijiet stabbiliti fit-Taqsima IX tad-dokument ta' identifikazzjoni għall-ekwidi stipulat fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 504/2008 (*).

Artikolu 4

Kwalunkwe sustanza li hija mdaħħla f'waħda mil-listi fl-Anness għar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 37/2010 (**), jew li l-użu tagħha għall-ekwidi huwa projbit mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, m'għandhiex tibqa' tintuża għall-finijiet ta' dan ir-Regolament.”

(*) ĠU L 149, 7.6.2008, p. 3.
(**) ĠU L 15, 20.1.2010, p. 1.”

(5) Fl-Artikolu 5, il-paragrafu 2 jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“2. Fejn Stati Membri jew assoċjazzjonijiet veterinarji professjonali jitolbu lill-Kummissjoni biex temenda l-lista stabbilita fl-Anness dawn għandhom jissostanzjaw sewwa t-talba tagħhom u jinkludu kull dejta xjentifika rilevanti disponibbli.”

(6) L-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1950/2006 jiġi sostitwit mill-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

ANNEX

"ANNEX

Lista ta' sustanzi essenzjali għat-trattament tal-ekwidi u sustanzi li jgħibu benefiċċju kliniku miżjud b'paragon ma' għażliet oħra ta' trattament disponibbli għall-ekwidi

Il-perjodu ta' rtirar ta' kull sustanza mil-lista li ġejja għandu jkun ta' sitt xhur.

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
Anestetiċi, analġeżiċi u sustanzi użati f'assoċjazzjoni mal-anesteżija		
Sedazzjoni u premedikazzjoni (u antagoniżmu)	Acepromazine	Għan: premedikazzjoni qabel anesteżija ġenerali, sedazzjoni mhux qawwija. Identifikazzjoni ta' alternattivi: detomidine, romifidine, xylazine, diazepam, midazolam. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: L-acepromazine b'mod konsistenti wera li jnaqqas ir-risku tal-mewt mill-anesteżija. Mod ta' azzjoni u l-kwalità unika tas-sedazzjoni ma jistgħux jiġu prodotti mis-sedattivi agonisti alpha-2 (detomidine, romifidine u xylazine) jew il-benzodiazepines (diazepam, midazolam)
	Atipamezole	Għan: α -2 adrenoceptor antagonist użat għat-treġġija lura ta' α -2 agonisti. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: l-uniku trattament għal individwi ipersensittivi u doża eċċessiva. Mediċina għall-emerġenza. Użata speċifikament f'każijiet ta' dipressjoni respiratorja.
	Diazepam	Għan: premedikazzjoni u induzzjoni tal-anesteżija. Trankwillizzazzjoni mhux qawwija (benzodiazepine) b'effetti sekondarji kardjovaskulari u respiratorji minimi. Kontra l-konvulsjonijiet, essenzjali għall-kura tal-puplesija. Identifikazzjoni ta' alternattivi: acepromazine, detomidine, romifidine, xylazine, midazolam, primidone, phenytoin. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: fi standards mediċinali moderni, komponent essenzjali tal-protokoll għall-induzzjoni tal-anesteżija b'esperjenza konsiderevoli ħafna fuq l-ekwini. Użat mal-ketamine għall-induzzjoni tal-anesteżija, li tipproduċi rilassament essenzjali li jippermetti induzzjoni kostanti u intubazzjoni. Mod ta' azzjoni (jaġixxi bħala riċevitur GABA) u trankwillizzazzjoni unika mingħajr depressjoni kardjorespiratorja ma tistax tiġi prodotta mis-sedattivi α -2 agonist (detomidine, romifidine u xylazine) jew acepromazine.
	Flumazenil	Għan: aġent għal treġġigħ lura fil-vini għall-benzodiazepines. Treġġigħ lura tal-effett tal-benzodiazepine matul l-irkupru minn tekniki ta' Anesteżija Intravenuża Totali (TIVA). Identifikazzjoni ta' alternattivi: sarmazenil. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: mod ta' azzjoni differenti mis-sarmazenil li jipprovdi mezzi addizzjonali ta' treġġigħ lura tal-benzodiazepine fi tmiem it-tekniki TIVA. Is-sarmazenil huwa agonist invers parzjali tar-riċetturi tal-benzodiazepine filwaqt li l-flumazenil huwa antagonist li jinibixxi kompetittivament is-sit tal-qabda tal-benzodiazepine fir-riċettur GABA.
	Midazolam	Għan: premedikazzjoni u induzzjoni tal-anesteżija. Trankwillizzazzjoni mhux qawwija (benzodiazepine) b'effetti sekondarji kardjovaskulari u respiratorji minimi. Kontra l-konvulsjonijiet, għall-kura tal-puplesija, partikolarment fi żwiemel adulti bit-tetnu.

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
		<p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: acepromazine, detomidine, romifidine, xylazine, diazepam, primidone, phenytoin.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: simili għad-diazepam imma jinħall fl-ilma, għallhekk adatt għall-injezzjoni ġol-vini u essenzjali għall-infużjoni fil-vini flimkien mal-anestetiċi. Idum jaħdem anqas mid-diazepam. Aktar adatt mid-diazepam għall-mohor.</p> <p>Kontra l-konvulsjonijiet, għall-kura tal-puplesija, partikolarment fi żwiemel adulti bit-tetnu – aħjar mid-diazepam għall-użu tul numru ta' ġranet minħabba li jinħall fl-ilma.</p> <p>Użat mal-ketamine għall-induzzjoni tal-anesteżija, li tipproduċi rilassament essenzjali li jippermetti induzzjoni kostanti u intubazzjoni.</p> <p>Mod ta' azzjoni (jaġixxi bħala riċevitur GABA) u trankwilizazzjoni mingħajr depressjoni kardjorespiratorja ma tistax tiġi prodotta mis-sedattivi α-2 agonist (detomidine, romifidine u xylazine) jew mill-acepromazine.</p>
	Naloxone	<p>Għan: antidot għall-opioid, mediċina għall-emerġenzi.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: ebda alternattiva m'hi disponibbli</p>
	Propofol	<p>Għan: anestetiku għal ġol-vini. Induzzjoni ta' anestetiku fil-mohor.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: sevoflurane jew isoflurane.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: anestetiku li jista' jiġi injettat u li jitlaq malajr. Rapporti riċenti juru titjib vast fl-istabbiltà kardjovaskulari u l-kwalità tal-irkupru minn meta wieħed jiġbed bin-nifs l-anesteżija.</p>
	Sarmazenil	<p>Għan: antagonist għall-benzodiazepine.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: flumazenil.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: treġġiġh lura bla problemi tas-sedazzjoni bil-benzodiazepine meħtieġa wara l-infużjoni matul anesteżija ġol-vini. L-aktar esperjenza klinika wiesgħa bis-sarmazenil b'paragun ma' kandidati potenzjali oħra bħala sustanzi essenzjali.</p>
	Tiletamine	<p>Għan: anestetika dissosocjattiva simili għall-ketamine, użata speċjalment għall-anesteżija fuq il-post. Użata flimkien maż-zolazepam.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: ketamine.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: L-użu flimkien maż-zolazepam huwa essenzjali f'każijiet fejn m'hemmx aċċess għall-anesteżija bin-nifs bħal fl-anesteżija fuq il-post. Il-kombinazzjoni hija essenzjali wkoll fejn l-anesteżija mal-kombinazzjonijiet tal-ketamine hija qasira wisq. Applikazzjonijiet tipiċi huma kastrazzjonijiet, laringotomija, tneħħija tal-perjostite, tneħħija ta' għoqiedi jew ċesti, fejqan ta' ksur fil-wiċċ, applikazzjoni tal-forom u tiswija tal-ftuq.</p>
	Zolazepam	<p>Għan: trankwilizazzjoni bil-benzodiazepine użata speċjalment għal anesteżija flimkien mat-tiletamine.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: diazepam jew midazolam.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: trankwilizatur bil-benzodiazepine, li m'għadux jaġixxi la bħala diazepam u lanqas bħala midazolam. L-użu mat-tiletmine huwa essenzjali f'każijiet fejn m'hemmx aċċess għall-anesteżija</p>

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
		bin-nifs b'hal fl-anesteżija fuq il-post. Il-kombinazzjoni hija essenzjali fejn l-anesteżija mal-kombinazzjonijiet tal-ketamine hija qasira wisq. Applikazzjonijiet tipiċi huma kastrazzjonijiet, laringotomija, tneħħija tal-perjostite, tneħħija ta' għoqiedi jew ċesti, fejqan ta' ksur fil-wiċċ, applikazzjoni tal-forom u tiswija tal-ftuq.
Pressjoni baxxa jew stimolazzjoni respiratorja waqt l-anesteżija	Dobutamine	<p>Għan: trattament tal-pressjoni baxxa waqt l-anesteżija.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: dopamina.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: terapija inotropika pożittiva, probabbilment użata aktar mid-dopamina imma l-preferenza tvarja. Iż-żwiemel normalment jiżviluppaw pressjoni baxxa waqt l-anesteżija, u ż-żamma ta' pressjoni tad-demmi normali wriet li tnaqqas l-inkidenza ta' rhabdomyolysis serja wara l-operazzjoni. Id-dobutamine hija imprezzabbli waqt anesteżija volatili fiż-żwiemel.</p>
	Dopamina	<p>Għan: trattament tal-pressjoni baxxa waqt l-anesteżija.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: dobutamine.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Id-dopamina hija meħtieġa fiż-żwiemel li ma jirrispondux għad-dobutamine. Fil-moħor id-dopamina hija ppreferuta mid-dobutamine. Hija meħtieġa addizzjonalment għall-kura tal-bradysrhythmias interoperattiva li huma reżistenti għall-atropine.</p>
	Ephedrine	<p>Għan: trattament tal-pressjoni baxxa waqt l-anesteżija.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: dopamina, dobutamine.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: meħtieġa meta d-dopamina u d-dobutamine jkunu ineffettivi. Aġent sintomimietiku uniku, li strutturalment huwa simili għall-adrenalina. Huwa impossibbli li tintuża l-azzjoni tal-katekolamini fuq riċevitori speċifiċi fil-ġisem għall-benefiċċju tal-pazjenti ekwidi mingħajr rikors għall-użu ta' numru ta' katekolamini, kull wieħed attiv fuq profil ta' riċevitur differenti. Għalhekk l-ephedrine, li jikkawża rilaxxament noradrenaline fit-tmiem tan-nervituri, u b'hekk tiżdied il-kontrazzjoni kardjaka u pressjoni baxxa, hija użata meta d-dobutamine u d-dopamina huma ineffettivi. L-ephedrine idum minn minuti sa sigħat u huwa effettiv wara injezzjoni waħda fil-vina, filwaqt li d-dobutamine u d-dopamina idum biss ftit sekondi jew minuti u jrid jingħata b'infużjoni.</p>
	Glycopyrrolate	<p>Għan: prevenzjoni tal-bradikardja. Anticholinergic. L-anticholinergics huma trattament fundamentali għall-prevenzjoni ta' effetti parasimpatetiċi b'ħall-bradikardja u huma komponenti ta' rutina ta' operazzjonijiet fl-għajnejn u fil-passaġġ tan-nifs.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: atropine.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Il-glycopyrrolate għandu effett ċentrali limitat u huwa aktar adatt fiż-żwiemel konxji (qabel u wara l-anesteżija) mill-atropine.</p>
	Noradrenaline (norepinephrine)	<p>Għan: falliment kardjovaskolari. Infużjoni għat-trattament ta' fallimenti kardjovaskolari fil-moħor.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: il-profil tar-riċevitur tal-catecholamine tal-animall jirrispondi preċiżament għal mediċini li jaġixxu fuq siti differenti. Għalhekk firxa ta' catecholamines li jaġixxu aktar jew anqas esklussivament fuq tipi differenti ta' riċevituri androġeniċi hija użata</p>

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
		<p>biex tipproduċi effett preċiż. In-noradrenaline taġixxi primarjament fuq riċevitori alpha-1 biex idejqu l-friegħi tal-arterji, b'hekk tiżdied il-pressjoni tad-demem u tinżamm iċ-ċirkolazzjoni ċentrali. Fil-moħor, in-noradrenalina hija b'mod komuni l-unika catecholamine effettiva fil-kura tal-pressjoni baxxa.</p>
Analġesija	Buprenorphine	<p>Għan: analgesia, użata mas-sedattivi għaż-żamma tas-sedazzjoni.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: butorphanol, fentanyl, morphine u pethidine.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: μ-agonist opioid analgesic parzjali. L-attività tal-μ-riċevitur tipproduċi alangesia aħjar milli κ-agonist opioids bħall-butorphanol. Analgesic li jdum jaġixxi. Minħabba l-karatteristika agonista parzjali, għandu karatteristiċi dipressanti respiratorji u adittivi limitati. Opioids li jaġixxu fit-tul jew fil-qosor li għandhom indikazzjonijiet differenti, għalhekk il-bżonn ta' aktar minn sustanza alternattiva waħda bħala għażla.</p>
	Fentanyl	<p>Għan: analgesia.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: butorphanol, buprenorphine, morphine u pethidine.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: μ-agonist opioid, l-attività tal-μ-riċevitur tipproduċi alangesia aħjar milli κ-agonist opioids bħall-butorphanol. Jaġixxi fil-qosor ħafna minħabba metaboliżmu rapidu u minħabba li jintrema. Fentanyl huwa l-uniku opioid użat fiż-żwiemel li huwa adatt għall-infużjoni u għall-amministrazzjoni minn parti tal-ġilda. Huwa ferm effettiv għall-immaniġġjar tal-uġigħ.</p>
	Morfina	<p>Għan: analgesia.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: butorphanol, buprenorphine, pethidine u fentanyl.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: μ-agonist opioid analgesic sħiħ. L-attività tal-μ-riċevitur tipproduċi l-aħjar analgesia. Analgesia, użata mas-sedattivi għaż-żamma, użata għall-anesteżija epidurali. Analgesic ta' dewmien medju. Il-morfina hija l-antagonist u-opioid b'karatteristiċi li jinħallu l-aħjar għall-amministrazzjoni epidurali. Din tipprovdni analgesia li jaġixxu fit-tul bi ftit effetti sistematiki permezz ta' din ir-rotta. Din it-teknika tintuża b'mod komuni fil-mediċina veterinarja komuni għall-kura ta' wġigħ qawwi waqt l-operazzjoni u wġigħ kroniku.</p>
	Pethidine	<p>Għan: analgesia.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: butorphanol, buprenorphine, morphine u fentanyl.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: μ-agonist opioid analgesic madwar 10 darbiet anqas potenti mill-morfina. Opioid li jaġixxi mhux fit-tul li wera li huwa effettiv biex jikkura l-kolika spasmodika fiż-żwiemel. L-unika opioid b'karatteristiċi spasmolitici. Aktar sedazzjoni u anqas potenzjal għal eċċitament minn opioids fiż-żwiemel.</p>
Rilassanti tal-muskoli u sustanzi assoċjati	Atracurium	<p>Għan: rilassament tal-muskoli waqt l-anesteżija</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: guaifenesin.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: aġent li jimblokka n-nondepolarizzazzjoni newromuskolari. Aġenti ta' bblokkar newromuskolari huma użati b'mod partikolari għal operazzjonijiet tal-għajnejn u kirurġija fonda addominali. L-edrophonium huwa meħtieġ għat-treġġija lura mil-loppju. L-atracurium u l-edrophonium għandhom dejta mill-aktar estensiva ta' appoġġ kliniku.</p>

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
	Edrophonium	Għan: treġġiġh lura tar-rilassament tal-muskolu atracurium. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: inibitur tal-cholinesterase, essenzjali għat-treġġiġh lura tal-ibblukkar newromuskolari. L-edrophonium għandu l-anqas effetti sekondarji mill-inibituri tal-cholinesterase fiż-żwiemel.
	Guaifenesin	Għan: rilassament tal-muskoli waqt l-anesteżija Identifikazzjoni ta' alternattivi: atracurium. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: alternattiva essenzjali għar-regimens α -2/ketamine fiż-żwiemel fejn α -2 agents u l-ketamine huma kontraindikati bħal fi żwiemel li ma jirrispondux għal dawg l-aġenti jew żwiemel li wrew effetti negattivi f'amministrazzjoni preċedenti. Imprezzabbli f'kombinazzjoni mal-ketamine u α -2 agents għal anesteżija fil-post sigura li għaliha ma ġewx żviluppatti tekniki fil-vini alternattivi effettivi.
Anestetiċi li jittieħdu binifs	Sevoflurane	Għan: it-teħid bin-nifs ta' anesteżija għaż-żwiemel li jkollhom ksur fl-għadam jew ksur ortopediku ieħor u l-induzzjoni tal-anesteżija fil-moħor. Identifikazzjoni ta' alternattivi: isoflurane. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Is-sevoflurane hija anesteżija volatili bi ftit metaboliżmu u li jintrema malajr. Filwaqt li jeżisti MRL għall-isoflurane fl-UE, l-isoflurane m'huwiex adattat għall-każijiet anestetiċi ekwini kollha minħabba l-karatteristiċi tal-irkupru tagħha fejn l-eċċitament jista' jwassal biex żiemel jikser xi sieq. Is-sevoflurane huwa essenzjali f'ċertu kirurġiji tal-ekwidi fejn l-irkupru bla problemi huwa vitali, billi ntvera li jipproduċi rkupru aktar ikkontrollat fiż-żwiemel. Huwa għalhekk magħżul bi preferenza għall-isoflurane għaż-żwiemel bi ksur fl-għadam u problemi ortopediċi oħra. Barra minn hekk is-sevoflurane huwa essenzjali għal induzzjoni bil-maskla tal-anesteżija fil-moħor minħabba li ma joħloq l-ebda irritazzjoni, bil-kontra tal-isoflurane li huwa irritanti u għalhekk jikkawża sogħla u żamma tan-nifs.
Anestetiċi lokali	Bupivacaine	Għan: anesteżija lokali. Identifikazzjoni ta' alternattivi: lidocaine. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: anestetiku lokali li jdm jaġixxi. Dewmien fit-tul tal-azzjoni meħtieġa għal analġesija perioperattiva u kura ta' uġiġħ kroniku qawwi bħal-laminite. Il-bupivacaine huwa anestetiku lokali li jdm jaġixxi aktar mil-lidocaine, li huwa użat b'mod aktar komuni. Il-lidocaine waħdu jagħti kważi siegħa ta' anesteżija lokali. Iż-żieda tal-adrenalina tista' ttawwal l-effett għal sagħtejn, imma hemm ir-riskju li twaqaf id-demmm lokalment, u dan jagħmilha mhux adatta f'numru ta' kundizzjonijiet. Il-bupivacaine jipprovdri minn erba' sa sitt sigħat ta' anesteżija lokali u għalhekk huwa ħafna aktar adatt għal analġesija postoperattiva u għall-immaniġġjar tal-laminite minħabba li injezzjoni waħda spiss hi biżżejjed; dan huwa essenzjali għal raġunijiet ta' bennesseri minflok injezzjonijiet ripetuti kull siegħa ta' lidocaine. Anestetiċi lokali li jaġixxu mhux fit-tul m'huwiex għalhekk adatti għal dan t'hawn fuq minħabba li jeħtieġu injezzjonijiet ripetuti b'aktar riskju ta' reazzjonijiet negattivi u mhumiex aċċettabbli minħabba l-benesseri tal-annimal.
	Oxybuprocaine	Għan: anesteżija lokali għall-użu fl-għajnejn. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat.

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
		Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: l-aktar esperjenza klinika estensiva bl-oxybuprocaine ipparagunata ma' kandidati potenzjali oħra għas-sustanzi essenzjali.
	Prilocaine	Għan: anesteżija lokali qabel katerizzazzjoni fil-vini. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: fi preparazzjonijiet speċifiċi (taħlita ewtettika ta' anestetiki lokali) għall-applikazzjoni topika fil-ġilda fejn tiġi assorbita f'40 minuta. Użata biex tiffaċilita katerizzazzjoni fil-vini, speċjalment fil-moħor.

Sustanzi antiinflammatorji**Kortikosteroidi**

	Triamcinolone acetoneide	Għan: mediċina intraartikular għal mard deġenerattiv tal-punti fejn jorbot l-għadam u l-osteoartrite. Identifikazzjoni ta' alternattivi: methylprednisolone. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: effetti biosintetiċi u ċellulari differenti mill-medikazzjoni intraartikulari kortikosteroidi alternattiva, methylprednisolone; It-triamcinolone hija kondroprotettiva u tippromwovi t-tiswija tal-qarquċa. Aktar effettivi minn trattamenti sistemiċi (NSAIDs u sulfat tal-kondroitin), u trattamenti intraartikolari oħrajn (mhux corticosteroid) għall-kontroll ta' infjammazzjoni tal-punti fejn jorbot l-għadam, l-uġiġħ u z-zappip f' mard akut u kroniku tal-punti fejn jorbot l-għadam, speċjalment mard tal-punti fejn jorbot l-għadam deġenerattiv u l-osteoartrite. Effettiv biss għal trattament mhux kirurġiku għal ċesti tal-għadam subkondrali.
	Flumethasone	Għan: terapija sistematika tal-kortikosteroidi fuq terminu qasir, inklużi terapija għal xokk, terapija antiinfjammatorji u terapija antiallerġenika. Identifikazzjoni ta' alternattivi: dexamethasone, prednisolone. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: effetti kliniċi differenti minn alternattivi b'bidu tal-effett aktar rapidu, dewmien akbar u aktar effikazzja. Mod ta' azzjoni differenti mill-alternattivi (l-ebda attività apprezzabbli mineralokortikoida)

Antiendotossini

	Pentoxifylline	Għan: Trattament sistematiku u orali għall-endotossemija. Laminite. Identifikazzjoni ta' alternattivi: flunixin, acepromazine. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Endotossemija: mod ta' azzjoni differenti (inibitur fosfodi-jesterazi derivattiv ta' žantin metilat) u effetti kliniċi differenti mill-alternattiva (il-flunixin). Inaqas ir-rilaxx medjat mill-endotossini taċ-ċitokini u l-lewkotrijeni proinflammatorji mill-makrofagi u n-newtrofili, inaqas ir-rispons sistematiku għall-endotossini. Laminite: mod ta' azzjoni differenti ta' kif ittejjeb il-fluss tad-demmm sad-diġitu mill-alternattiva (l-acepromazine); tnaqqas il-viskożità tad-demmm u ttejjeb il-fluss tad-demmm sad-diġitu.
	Polymyxin B	Għan: trattament sistematiku għal endotossemija assoċjata ma' koliku aħrax u mard gastrointestinali ieħor. Identifikazzjoni ta' alternattivi: flunixin, subsilikat tal-bismut. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: mod ta' azzjoni differenti (aġent li jgħaqad mal-endotossini) mill-alternattiv sistematiku (il-flunixin), taġixxi qabel fil-kaskata indotta mill-endotossini. Mekkaniżmu differenti tat-tgħaqid, rotta differenti ta amministrazzjoni u sit differenti ta' azzjoni mill-alternattiv orali (il-bismut). Tgħin fil-prevenzjoni ta' bidu ta' kaskata infjammatorja indotta mit-tgħaqid tal-endotossinu u l-prevenzjoni ta' tgħaqid ma' riċetturi tat-tip Toll (TLR).

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
Mediċini kardjovaskulari		
	Amiodarone	<p>Għan: antidisritmiċi. Trattament orali u sistemiku tal-fibrillazzjoni atriali, supraventrikulari u takikardja ventrikulari.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: sulfat quinidine, procainamide, propranolol.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: modi ta' azzjoni differenti mill-alternattivi (antidisritmiċi tal-Klassi III). Evidenza ġdida li l-amiodarone hija effettiva u sikura fil-fibrillazzjoni atriali u aħjar mill-alternattiva tas-sulfat quinidine; effettiva għal tipi differenti ta' aritmji inklużi l-aritmji ventrikulari.</p>
	Allopurinol	<p>Għan: it-trattament ta' dannu tal-iskemija-riperfużjoni neonatali.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: il-vitamina E.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: mod ta' azzjoni differenti mill-alternattiva għad-dannu mir-riperfużjoni; l-allopurinol hija inibitur tal-ossidas taż-żantin li tinibixxi l-produzzjoni tar-radikal ħieles matul riperfużjoni wara iskemija.</p>
	Vasopressin	<p>Purpose: it-trattament ta' kollass taċ-ċirkolazzjoni fil-mohor u fl-adulti.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: Dopamina/dobutamina Epinefrina.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Agonist speċifiku li jaġixxi permezz tar-riċetturi V1 għandha mod ta' azzjoni differenti mis-sustanzi awtorizzati l-oħrajn li jirregolaw il-pressjoni tad-dem: l-epinefrina (riċevitur adrenerġiku agonist) u d-dopamina/dobutamina (riċetturi D1-5 li jirregolaw il-produzzjoni kardijaka u t-ton tal-vini u l-arterji). Użata f'sitwazzjonijiet meta d-dopamina/d-dobutamina u l-epinefrina ma jkunux irnexxew u jkun meħtieġ approċċ farmakoloġiku alternattiv.</p>
	Digoxin	<p>Għan: trattament għal insuffiċjenza kardijaka.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: addizzjonalment id-digoxin huwa l-uniku trattament għall-effetti sekondarji tat-trattament bil-quinidine</p>
	Sulfat tal-quinidine u glukonat tal-quinidine	<p>Għan: trattament għal taħbit irregolari tal-qalb.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: procainamide, propranolol.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: aġent kontra ritmi irregolari. L-użu huwa rari imma għażla terapewtika importanti, mod differenti ta' azzjoni neċessarja għal tipi differenti ta' taħbit irregolari tal-qalb. Trattament ta' għażla għall-fibrillazzjoni atrijali.</p>
	Procainamide	<p>Għan: trattament għal taħbit irregolari tal-qalb.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: sulfat tal-quinidine u glukonat tal-quinidine, propranolol.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: aġent kontra ritmi irregolari. L-użu huwa rari imma għażla terapewtika importanti, mod differenti ta' azzjoni neċessarja għal tipi differenti ta' taħbit irregolari tal-qalb.</p>
	Propranolol	<p>Għan: trattament għal taħbit irregolari tal-qalb.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: sulfat tal-quinidine u glukonat tal-quinidine, procainamide.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: kontra l-pressjoni għolja, li hija użata minħabba li taġixxi kontra xi ritmi irregolari. L-użu huwa rari imma għażla terapewtika importanti. Minħabba l-patofiżjoloġija differenti ta' taħbit irregolari</p>

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
		huwa essenzjali li jkollu varjetà ta' mediċini li jaġixxu differenti sabiex ikunu jistgħu jitrattaw kundizzjoni speċifika. Waħda minn dawn il-mediċini normalment tikkonsisti f'kura unika biex tikkonverti lura għal ritmi normali, li tista' tiġi ripetuta biss f'okkażjonijiet rari.

Konvulżjonijiet

	Phenytoin	<p>Ġhan: terapija antikonvulsiva fil-moħor. Trattament tar-rabdomjolaži. Trattament tas-stringhalt.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: diazepam, primidone, sodju tad-dantrolene (għar-rabdomjolaži).</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: antikonvulsiv essenzjali fil-moħor. Il-phenytoin huwa ġeneralment miżjud għat-trattament tal-kontroll tal-aċċessjonijiet jekk il-primidone/phenobarbital ma jikkontrollawx l-aċċessjonijiet. Il-phenytoin huwa aġent li jimblokka l-kanali tal-kalċju u utli għall-kura ta' forom rikorrenti ta' rabdomjolaži.</p>
	Primidone	<p>Ġhan: terapija antikonvulsiva fil-moħor.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: diazepam, phenytoin.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: il-primidone huwa indikat bħala segwiment għat-terapija bid-diazepam jew bħala alternattiv.</p>

Aġenti gastrointestinali

	Bethanechol	<p>Ġhan: trattament tal-ileus, trattament ta' djuq gastrodwodernali fil-moħor, trattament ta' impazzjonijiet rikorrenti żgħar fil-kolon tal-adulti</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: metoclopramide, erythromycin.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Il-bethanechol huwa agonist muskarinik kolinerġik li jstimola r-riċevituri tal-aċetilkolina fil-muskoli lixxi gastrointestinali, u jġieghellhom jinġibdu. Ġie muri li jżid ir-rata ta' żvujtar tal-istonku u tal-musrana l-għamja. Kemm il-bethanechol kif ukoll il-metoclopramide ġew murija li huma ta' benefiċċju fit-trattament tal-ileus wara operazzjoni.</p>
	Codeine	<p>Ġhan: trattament tad-dijarea.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: subsaliklat tal-bismut.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Mod differenti ta' azzjoni mis-subsaliklat tal-bismut. Modulator tal-motilità tal-opioid li jaġixxi fuq riċetturi mu fl-imsaren u li jipprovidi mmaniġġjar tas-sintomi effettiv tad-dijarea mhux infettiva, speċjalment fil-moħor. Spiss jintuża flimkien mal-loperamide. Ix-xebh fil-mod ta' azzjoni mal-loperamide iwassal għal azzjoni sinerġistika.</p>
	Loperamide	<p>Ġhan: trattament tad-dijarea fit-moħor.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: subsaliklat tal-bismut.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: mod differenti ta' azzjoni mis-subsaliklat tal-bismut. Modulator tal-motilità tal-opioid li jaġixxi fuq ir-riċetturi mu fl-imsaren li jipprovidi mmaniġġjar aktar effettiv tas-sintomi mhux infettivi tad-dijarea fil-moħor minn sustanzi oħra. Spiss jintuża flimkien mal-codeine. Ix-xebh fil-mod ta' azzjoni mal-codeine iwassal għal azzjoni sinerġistika.</p>
	Metoclopramide	<p>Ġhan: trattament tal-ileus wara operazzjoni.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: bethanechol, erythromycin.</p>

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
		Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Il-metoclopramide hija sostitwit tal-benżammid b'għadd ta' mekkaniżmi ta' azzjoni: (1) hija antagonist tar-riċettur tad-dopamina; (2) iżżid ir-rilaxx tal-aċetilkolina minn newruni kolinerġiċi intrinsiċi u (3) twettaq attività ta' bblukkar adrenerġiku. Hija effettiva sabiex terġa' ġġib koordinazzjoni gastrointestinali wara l-operazzjoni u tnaqqas it-total tal-volum, rata u dewmien ta' rfluss gastriku. Il-metoclopramide hija droga prokinetika, li taġixxi aktar fil-passaġġ gastrointestinali prossimali. Kemm il-betanechol kif ukoll il-metoclopramide ġew murija li huma ta' benefiċċju fit-trattament tal-ileus wara operazzjoni.
	Phenoxy-benzamine	Għan: trattament tad-dijarea; kolite. Identifikazzjoni ta' alternattivi: subsaliklat tal-bismut; flunixin. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Għandu mod differenti ta' azzjoni (antagonist alfa-1 u aġent kontra s-sekrezzjoni) meta mqabbel ma' trattamenti awtorizzati oħra u l-codeine. Jipprovd i mmaniġġjar utli tas-sintomi tad-dijarea u l-kolite.
	Bromid tal-propantelina	Għan: Antiperistaltiku. Identifikazzjoni ta' alternattivi: atropine, lidocaine mogħtija dilwiti intrarettikament bħala enema. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: il-bromid tal-propantelina huwa antikolinerġiku tal-ammonju kwaternarju sintetiku li jinibixxi l-motilità gastrointestinali u l-ispażmi u jnaqqas is-sekrezzjoni tal-aċidu tal-istonku. Jinibixxi wkoll l-azzjoni tal-aċetilkolina fit-tarf tan-nervituri postganglijoniċi tas-sistema nervuża parasimpatetika. L-effetti tiegħu huma simili għal dawg tal-atropine għalkemm idumu aktar (sitt s'għat). Il-bromid tal-propantelina huwa għażla importanti sabiex titnaqqas il-peristalsi biex jiġi evitat tiċrit rettali waqt palpazzjoni rettali jew biex tiġi esplorata u kkurata tiċrita rettali potenzjali fejn jista' jkun diffiċli għal enema bil-lidocaine biex taħdem b'mod effettiv.
	Ranitidine	Għan: profilassi tal-ulċeri gastrici fin-neonati. Identifikazzjoni ta' alternattivi: omeprazole. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: mod ta' azzjoni differenti mill-omeprazole. Ir-rotta ta' amministrazzjoni (fil-vini) ġġib benefiċċji miżjuda kontra l-ulċeri fuq il-medikamenti kollha l-oħra billi dawn jirrikjedu amministrazzjoni orali. Il-preparazzjoni tar-ranitidine fil-vini hija essenzjali għall-moħor li ma jkollhomx motilità gastrointestinali, li huwa l-grupp li huwa fl-ogħla riskju ta' ulċeri.
	Sucralfate	Għan: profilassi tal-ulċeri gastrici profilassi fin-neonati. Identifikazzjoni ta' alternattivi: omeprazole. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: mod ta' azzjoni differenti mill-omeprazole u profilassi tal-ulċeri gastrici aġġuntivi prezzjuża. Mod ta' azzjoni uniku (aderenti mal-mukoża) li jipprovd i l-istabilizzazzjoni tal-leżjonijiet fiżiċi.

Rabdomjolizi

	Sodju tad-dantrolene	Għan: trattament tar-rabdomjolizi. Kura ta' temperatura għolja malinna waqt l-anesteżija. Identifikazzjoni ta' alternattivi: phenytoin. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Id-dantrolene jwettaq attività ta' rilassament tal-muskoli b'azzjoni diretti fuq il-muskoli minħabba li jinibixxi r-rilaxxament tal-kalċju mir-retikulu sarkoplasmiku u għalhekk jikkawża diżassoċjazzjoni ta' kkoppjar ta' eċċitament u kontrazzjoni. Kemm il-phenytoin kif ukoll is-sodium tad-dantrolene instabu li huma utli għat-trattament ta' forom rikorrenti tar-rabdomjolizi.
--	----------------------	---

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
Antimikrobiċi		
Infezzjonijiet mill-Klebsiella spp.	Ticarcillin	Għan: trattament ta' infezzjonijiet mill- <i>Klebsiella</i> spp Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Antibijotiċi speċifiċi għal infezzjonijiet mill- <i>Klebsiella</i> spp.
Infezzjonijiet mir-rhodococcus equi	Azithromycin	Għan: Trattament ta' infezzjonijiet mir- <i>Rhodococcus equi</i> Identifikazzjoni ta' alternattivi: erythromycin. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: trattament standard flimkien mar-rifampicin, fil-mohor tollerat aħjar mill-erythromycin.
	Rifampicin	Għan: trattament ta' infezzjonijiet mir- <i>Rhodococcus equi</i> Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: trattament tar- <i>Rhodococcus equi</i> flimkien ma' erythromycin jew azithromycin. Trattament ta' għażla.
Artrite settika	Amikacin	Għan: trattament ta' artrite settika. Identifikazzjoni ta' alternattivi: gentamicin jew aminoglikosidi oħra. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: tollerata aħjar fil-mohor mill-gentamicin jew aminoglikosidi oħra.
Mediċini respiratorji		
	Ambroxol	Għan: stimulazzjoni ta' surfactant f'mohor prematuri. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: ebda alternattiva m'hi disponibbli.
	Budesonide	Għan: Inalazzjoni kortikosteroidi għall-kontroll ta' mard allerġiku tal-pulmun. Identifikazzjoni ta' alternattivi: beclomethasone. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: it-terapija bl-inalazzjoni kortikosteroidi tikkawża anqas soppresjoni adrenokortikali, b'ritorn għan-normal aktar rapidu wara t-tmiem tat-terapija, u inqas effetti sekondarji sistemiċi minn terapija kortikosteroidi minħabba assorbiment sistemiku limitat. L-inalazzjoni tippermetti t-twassil ta' dożi mnaqqsin u lokali ta' konċentrazzjonijiet għolja tas-sustanza attiva u għalhekk tirriżulta f'effikaċja akbar. Speċjalment utli għall-kontroll tal-mard ħafif sa moderat u l-manutenzjoni terapewtika fit-tul. Sustanzi addizzjonali oħra b'aktar qawwa u dewmien differenti tal-effett mill-beclomethasone huma meħtieġa biex tittira d-doża abbażi ta' reazzjoni klinika u jipprovdu l-aħjar kontroll tal-mard. Il-budesonide għandha potenza intermedja bejn il-beclomethasone u l-fluticasone.
	Fluticasone	Għan: Inalazzjoni kortikosteroidi għall-kontroll ta' mard tal-allerġiku tal-pulmun. Identifikazzjoni ta' alternattivi: beclomethasone. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: it-terapija bl-inalazzjoni kortikosteroidi tikkawża anqas soppresjoni adrenokortikali, b'ritorn għan-normal aktar rapidu wara t-tmiem tat-terapija, u inqas effetti sekondarji sistemiċi minn terapija kortikosteroidi minħabba assorbiment sistemiku limitat. L-inalazzjoni tippermetti t-twassil ta' konċentrazzjonijiet għolja tas-sustanza attiva u għalhekk tirriżulta f'effikaċja akbar. Speċjalment utli għall-kontroll tal-mard ħafif sa moderat u l-manutenzjoni terapewtika fit-tul. Sustanzi addizzjonali oħra b'aktar qawwa u dewmien differenti tal-effett mill-beclomethasone huma meħtieġa biex tittira d-doża abbażi ta' reazzjoni klinika u jipprovdu l-aħjar

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
		kontroll tal-mard. Il-fluticasone hija 50 % iktar qawwija mill-beclomethasone u għandha nofs ħajja itwal (6 sigħat versus 2,8 siegħa), tipprovi benefiċċji miżjuda għal dawk affettwati aktar severament jew każijiet rifrettarji.
	Bromid tal-ipratropju	Għan: bronkodilazzjoni. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: azzjoni antikolinerġika. Neċessarja bħala għażla terapewtika minħabba li f'xi każijiet hi aktar effikaċi mill-β-agonists.
	Oxymetazolin	Għan: Trattament ta' oedema nażali. Identifikazzjoni ta' alternattivi: phenylephrine. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: α-adrenoceptor agonist b'karatteristiċi qawwija ta' tidjiq tal-vini li huwa użat bi preferenza mal-phenylephrine minħabba li jdum aktar jaġixxi.

Aġenti antiprotozoïċi

	Isometamidium	Għan: Trattament tal-mjeloencefalite protozoali ekwina. Identifikazzjoni ta' alternattivi: pyrimethamine. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: marda li xi kultant hija rifrettarja għat-trattament bil-pyrimethamine, u għalhekk hi meħtieġa alternattiva.
	Ponazuril	Għan: trattament tal-mjeliti protozoali ekwina ekwina (Sarcocystis neurona). Identifikazzjoni ta' alternattivi: isometamidium, pyrimethamine. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: mod ta' azzjoni differenti meta mqabbla ma' sustanzi oħra awtorizzati, siewja bħala terapija alternattiva meta l-marda tkun rifrettarja għal trattamenti oħra. Inċidenza mnaqqsa ta' effetti sekondarji (dijareja) meta mqabbla ma' trattamenti bil-pyrimethamine/sulphonamide; aktar effikaċja klinika mqabbla mal-isometamidium u l-pyrimethamine.
	Pyrimethamine	Għan: trattament tal-mjeloencefalite protozoali ekwina. Identifikazzjoni ta' alternattivi: isometamidium. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: rata ta' suċċess ta' talanqas 75 % meta użat flimkien mas-sulfadiazine-sulfonamide.

Mediċini oftalmiċi

Ulċeri okulari	Acyclovir	Għan: trattament ta' ulċeri okulari (mediċina antivirali). Użu topiku. Identifikazzjoni ta' alternattivi: idoxuridine. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: kemm l-acyclovir kif ukoll l-idoxuridine ġew murija li huma effettivi b'mod ugwali fit-trattament tal-keratite erpetika ulċerattiva.
	Iodoxuridine	Għan: trattament ta' ulċeri okulari (mediċina antivirali). Użu topiku. Identifikazzjoni ta' alternattivi: acyclovir. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: kemm l-acyclovir kif ukoll l-idoxuridine ġew murija li huma effettivi b'mod ugwali fit-trattament tal-keratite erpetika ulċerattiva.

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
Glawkoma	Phenylephrine	Għan: Trattament tal-glawkoma, epifora, oedema nażali u intrappolament spleniku. Identifikazzjoni ta' alternattivi: tropikamide, (għall-glawkoma), mill-bqija m'hemmx alternattiva identifikata. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: kemm il-phenylephrine kif ukoll it-tropicamide ġew murija li huma effettivi b'mod ugwali fit-trattament tal-glawkoma.
	Tropicamide	Għan: trattament tal-glawkoma. Użu topiku. Identifikazzjoni ta' alternattivi: phenylephrine. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: kemm il-phenylephrine kif ukoll it-tropicamide ġew murija li huma effettivi b'mod ugwali fit-trattament tal-glawkoma.
	Dorzolamide	Għan: trattament tal-glawkoma. Użu topiku. Identifikazzjoni ta' alternattivi: latanoprost, timolol maleate. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: il-mod speċifiku ta' azzjoni tagħha bħala inibitur anidraasi karboniku. Għażla terapewtika importanti.
	Latanoprost	Għan: trattament tal-glawkoma. Użu topiku. Identifikazzjoni ta' alternattivi: dorzolamide, timolol maleate. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Il-mod speċifiku ta' azzjoni tagħha bħala prostaglandin F2 α -analog. Għażla terapewtika importanti.
	Timolol maleate	Għan: trattament tal-glawkoma. Użu topiku. Identifikazzjoni ta' alternattivi: dorzolamide, latanoprost Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: il-mod speċifiku ta' azzjoni tagħha bħala aġent tal-ibblukkar tar-reċettur betaadrenergiku nonselettiv, jikkawża tidjiq tal-vini, li jwassal għal nuqqas fl- <i>aqueous humour</i> . Għażla terapewtika importanti.
	Cyclosporin A	Għan: immnosuppressiv użat għat-trattament ta' mard awtoimmunitarju tal-ġhajnejn. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: ebda alternattiva m'hi disponibbli.
	Ketorolac	Għan: trattament ta' wġiġh u infjammazzjoni fl-ġhajnejn, mediċina mhux sterojdali kontra l-infjammazzjoni, qtar tal-ġhajnejn, użu topiku. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: l-aktar esperjenza klinika estensiva bil-ketorolac meta mqabbel ma' kandidati potenzjali oħra għal sustanzi essenzjali.
	Ofloxacin	Għan: trattament ta' infezzjonijiet fl-ġhajnejn reżistenti għal trattamenti b'antibjotiċi oftalmiċi użati b'mod komuni. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: l-aktar esperjenza klinika estensiva bl-ofloxacin meta mqabbel ma' kandidati potenzjali oħra għal sustanzi essenzjali. Mqabbel ma' trattament b'antibjotiċi oftalmiċi użati b'mod komuni l-ofloxacin għandu jintuża biss bħala antibjotiku ta' riserva użat f'każijiet individwali.
	Fluoresceine	Għan: għodda dijanjostika għal ulċerazzjoni tal-kornea, użu topiku. Identifikazzjoni ta' alternattivi: Rose Bengal.

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
		Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Ir-Rose Bengal għandu xi attività antivirali filwaqt li l-fluoresceine m'għandu l-ebda effett sinifikanti fuq ir-replikazzjoni virali. Għalhekk, l-użu dijanjostiku tar-Rose Bengal qabel kultura virali tista' tipp-rekludi riżultat pożittiv. Għalhekk il-fluoresceine hija l-għodda dijanjostika ta' għażla meta tkun pjanata kultura virali.
	Rose Bengal	Għan: għodda dijanjostika għal dannu bikri tal-kornea, użu topiku. Identifikazzjoni ta' alternattivi: fluoresceine. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: Rose of Bengal hija l-għodda dijanjostika li tintagħżel biex jiġi aċċertat dannu bikri lill-kornea.
Iperlipemija		
	Insulina	Għan: trattament ta' iperlipemija, użata flimkien ma' terapja bil-glukożju, dijanjosi ta' problemi metaboliċi. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: ebda alternattiva m'hi disponibbli.
Infezzjonijiet fungali		
	Griseofulvin	Għan: użu antifungali sistematiku. Trattament tat-tinea. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: il-griseofulvin mogħti oralment jaġixxi tajjeb kontra it-trikofiton, il-mikrosporom, u l-epidermofiton.
	Ketoconazole	Għan: użu antifungali sistematiku. trattament ta' pulmonite fungali u pouch mycosis tal-imsaren. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: l-aktar esperjenza klinika estensiva bil-ketoconazole meta mqabbla ma' kandidati potenzjali oħra għal sustanzi essenzjali.
	Miconazole	Għan: trattament ta' infezzjonijiet fungali tal-għajnejn Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: użu topiku fl-għajn affettwata, attività antifungali aktar estensiva u/jew anqas irri-tazzjoni minn aġenti antifungali oħra.
	Nystatin	Għan: trattament ta' infezzjonijiet tal-ħmira għall-għajnejn u l-kanal ġenitali. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: attività speċifika kontra l-infezzjonijiet tal-ħmira.
Immaġni dijanjostiċi		
	Radjofarmaċewtiku Tc99	Għan: xintigrafija. Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat. Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: l-aktar modalità ta' immaġni għad-dijanjosi sensitiva għall-identifikazzjoni ta' patoloġija tal-għadam bikrija u ksur - aktar sensitiva mir-radjografija. Tippermetti kwantifikazzjoni u tippermetti immaġni tar-reġjuni mhux amenabbli għar-radjografija. Teknika tal-immaġini essenzjali li tissalvagwardja l-benessri taż-żwiemel ta' prestazzjoni permezz tad-ditezzjoni bikrija ta' korriment u l-prevenzjoni tal-ħsara minn ksur katastrofiku. In-nofs ħajja qasira (6,01 siegħa) tat-Tc99 m' ttririzulta f'ħelsien mgħaġġel mir-radjuattività ditetabbli (< 72 siegħa) miż-żwiemel.

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
Mixxellanji		
	Carbamazepine	<p>Għan: is-sindromu tax-xengil tar-ras.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: il-carbamazepine qed taġixxi bħala antikonvulsant b'effetti ta' bblukkar tal-kanali tas-sodju. Użat prinċipalment għat-trattament u l-konferma dijanjostika tan-newralġija triġeminali (sindromu tax-xengil tar-ras).</p>
	Cyproheptadine	<p>Għan: is-sindromu tax-xengil tar-ras.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: iż-żwiemel li juru sinjali ta xengil tar-ras fotiku jirrispondu tajjeb għat-trattament bid-droga antiistaminika, cyproheptadine. Minbarra l-azzjoni antiistaminika, is-cyproheptadine toffri azzjoni antikolinerġika u hija antagonista tal-5-idrossitriptamina (serotonina). Ħelsien minn din l-imġiba normalment jasal fi żmien 24 siegħa wara li tibda tittieħed it-terapija bis-cyproheptadine terapija u spiss terġa' tfeġġ fi żmien 24 siegħa minn tmiem it-terapija. Antiistamini oħra mhumiex effettivi għall-eliminazzjoni tax-xengil tar-ras.</p>
	Domperidone	<p>Għan: l-agalaktja fid-dbieb.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: antagonist tad-dopamina u jirregola 'l fuq il-produzzjoni tal-prolattina.</p> <p>L-oxytocin m'huwix alternattiva adatta minħabba li jiproduci nuqqas fil-ħalib flok żieda, li huwa l-għan tat-terapija bid-domperidone. Addizzjonalment, l-oxytocin x'aktarx li jikkawża wġiġh addominali f'dożi kbar.</p>
	Gabapentin	<p>Għan: uġiġħ newropatiku.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: buprenorfina, fentanil, morfina, petidina.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: modalità differenti u sit differenti ta' azzjoni mqabbel ma' sustanzi awtorizzati alternattivi. Sustanza simili għal GABA li timblokka l-kanali tal-kalċju u timpedixxi l-formazzjoni ta sinapsi ġodda. Trattament ġdid kontra l-uġiġħ newropatiku b'evidenza li tissuġġerixxi benefiċċju kliniku miżjud fl-immaniġġjar ta' wġiġh relatat ma' newropatija eż. uġiġħ fis-saqajn, laminite u wġiġh addominali.</p>
	Lamtu idrossietili	<p>Għan: sostituzzjoni kollojdali tal-volum.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: alternattiva Prattika u disponibbli faċilment għad-demem u l-plażma.</p>
	Imipramine	<p>Għan: tnixxija tas-semen indotta farmaloġikament fiż-żwiemel maskili bi problemi ta' tnixxija tas-semen.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: ebda alternattiva m'hi disponibbli.</p>
	Ormonu tar-rilaxx tat-tirotropin	<p>Għan: dijanjostika użata għall-konferma ta' problemi tat-tirojde u l-glandola pitwitarja</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: ebda alternattiva m'hi disponibbli.</p>
	Sulfat tal-barju	<p>Għan: aġent ta' kuntrast radjugrafiku użat għal eżaminazzjonijiet ta' kuntrast fl-osofagu u l-passaġġ gastrointestinali.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: xejn identifikat.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: ebda alternattiva m'hi disponibbli.</p>

Indikazzjoni	Sustanza attiva	Ġustifikazzjoni u spjegazzjoni tal-użu
	Iohexol	<p>Għan: aġent ta' kuntrast radjografiku użat għal studju tal-kanal tal-awrina t'isfel, l-artrografija, il-mjelografija, is-sinojew fistulografija u d-dakrjoċistografija.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: iopamidol.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: aġent ta' kuntrast mhux joniku osmolarment baxx. Kemm l-iohexol kif ukoll l-iopamidol huma aċċettati b'mod ugwali.</p>
	Iopamidol	<p>Għan: aġent ta' kuntrast radjografiku użat għal studju tal-kanal tal-awrina t'isfel, l-artrografija, il-mjelografija, is-sinojew fistulografija u d-dakrjoċistografija.</p> <p>Identifikazzjoni ta' alternattivi: iohexol.</p> <p>Diskussjoni tal-vantaġġi speċifiċi: aġent ta' kuntrast mhux joniku osmolarment baxx użat għal dan. Kemm l-iohexol kif ukoll l-iopamidol huma aċċettati b'mod ugwali."</p>

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 123/2013

tat-12 ta' Frar 2013

li jemenda għall-186 darba r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002 li jimponi ċerti miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati man-network ta' Al-Qaida⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 7(1)(a), 7a(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 jelenka l-persuni, il-gruppi u l-entitajiet koperti mill-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi skont dak ir-Regolament.
- (2) Fil-5 ta' Frar 2013 il-Kumitat tas-Sanzjonijiet tal-Kunsill għas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti ddeċieda li jżid

persuna fiżika waħda mal-elenku tal-persuni, il-gruppi u l-entitajiet fir-rigward ta' min japplika t-twaqqif tal-fondi u riżorsi finanzjarji.

- (3) Għaldaqstant, l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 għandu jiġi aġġornat skont dan,
- (4) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament ikunu effettivi, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ minnufih,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 881/2002 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2013.

Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,

Il-Kap tas-Servizz tal-Istrumenti tal-Politika Barranija

(¹) ĠU L 139, 29.5.2002, p. 9 (Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 18 Volum 01 p. 294)

ANNEX

L-Anness I mar-Regolament (KE) Nru 881/2002, huwa emendat kif ġej:

L-annotazzjoni li ġejja għandha tiżdied taħt l-intestatura "Persuni naturali":

'Djamel **Akkacha** (*alias* (a) Yahia Abou el Hoummam, **(b)** Yahia Abou el Hammam). Data tat-twelid: 9.5.1978. Post tat-twelid: Rouiba, Algiers, l-Alġerija. Nazżjonalità: Alġerina. Indirizz: Mali. Informazzjoni oħra Isem il-missier hu Slimane. Isem l-omm hu Akrouf Khadidja. Id-data tan-nomina msemmija fl-Artikolu 2a (4) (b): 5.2.2013.'

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 124/2013**tat-12 ta' Frar 2013****li jistabbilixxi l-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 tas-7 ta' Ġunju 2011 li jippreskrivi regoli dettaljati dwar l-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tas-setturi tal-frott u l-ħxejjex u tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ⁽²⁾ u b'mod partikolari l-Artikolu 136(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 jistipula, skont ir-riżultat tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj, il-kriterji li bihom

il-Kummissjoni tiffissa l-valuri standard għall-importazzjonijiet minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi stipulati fl-Anness XVI, il-Parti A tiegħu.

- (2) Il-valur standard tal-importazzjoni huwa kkalkulat kull ġurnata tax-xogħol skont l-Artikolu 136(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011, billi jqis id-dejta varjabbli ta' kuljum. Għalhekk dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-valuri standard tal-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 136 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 543/2011 huma stipulati fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Frar 2013.

*Għall-Kummissjoni,
F'isem il-President,*

José Manuel SILVA RODRÍGUEZ

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

⁽¹⁾ ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

⁽²⁾ ĠU L 157, 15.6.2011, p. 1.

ANNEX

Il-valuri standard tal-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħxejjex

(EUR/100 kg)

Kodiċi tan-NM	Kodiċi tal-pajjiż terz ⁽¹⁾	Valur standard tal-importazzjoni
0702 00 00	IL	110,0
	MA	51,1
	TN	58,3
	TR	108,8
	ZZ	82,1
0707 00 05	EG	200,0
	MA	176,1
	TR	166,5
	ZZ	180,9
0709 91 00	EG	238,2
	ZZ	238,2
0709 93 10	MA	50,1
	TR	124,8
	ZZ	87,5
0805 10 20	EG	53,1
	MA	54,4
	TN	52,3
	TR	61,9
	ZZ	55,4
0805 20 10	MA	105,8
	ZZ	105,8
0805 20 30, 0805 20 50, 0805 20 70, 0805 20 90	IL	129,5
	KR	137,0
	MA	127,1
	TR	75,4
	ZZ	117,3
0805 50 10	EG	83,9
	MA	60,5
	TR	67,8
	ZZ	70,7
0808 10 80	CN	99,8
	MK	35,4
	US	197,3
	ZZ	110,8
0808 30 90	AR	150,6
	CL	218,0
	CN	72,1
	TR	176,8
	US	140,7
	ZA	119,5
	ZZ	146,3

⁽¹⁾ In-nomenklatura tal-pajjiżi stabbilita bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "ta' oriġini oħra".

PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 300 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 1 420 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 910 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva)	22 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 100 fis-sena
Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa	multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE	EUR 200 fis-sena
Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet	Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni	EUR 50 fis-sena

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jstipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jaġħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

EUR-Lex (<http://eur-lex.europa.eu>) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.

Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: <http://europa.eu>

